# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Numru: 570/2017**

**Kawza fuq il-lista Numru: 6**

**Illum, 6 ta' Novembru, 2017**

**Banif Bank (Malta) plc (C 41030) u b' verbal tas-6 ta' Novembru, 2017, il-Qorti laqghet it-talba sabiex l-isem tal-Bank 'Banif Bank (Malta) plc (C41030) jinbidel ghal 'BNF Bank plc (C41030)'**

**vs.**

**Clearly International Distribution Ltd. (C25353) bhala l-kumpannija debitrici principali u Jimmy Vassallo K.I. numru 135678M, Cheryl Grace Vassallo K.I. numru 450691M, Kenneth Vassallo K.I. numru 282176M, Stephania Vassallo K.I. numru 49179M u Vassallo & Xuereb Ltd. (C10671) bhala garanti in solidum mal-kumpannija debitrici principali**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici Banif Bank (Malta) plc li gie prezentat fit-23 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu esponew:

*"1. Illi l-kumpannija esponenti hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;*

*2. Illi l-kumpannija debitrici principali hija klijent tal-kumpannija esponenti u hadet minn ghandha self ghall-finijiet tan-negozju taghha, liema self kien jikkonsisti f'Business Loan bin-numru 31020 71 4, kien jammonta ghal mija u tmintax -il elf Euro u gie koncess ai termini ta' Credit Agreement datat 15 ta' Mejju 2013 (ara Dok. 'A') u kuntratt pubbliku maghmul fl-atti tan-nutar Dr Joseph Tabone fil-31 ta' Mejju 2013 (ara Dok. 'B');*

*3. Illi l-kumpannija debitrici principali naqset milli thallas lura dan is-self u konsegwentement, l-ammont dovut akkumola ghal mija u sitta u ghoxrin elf, tmienja u hamsin Euro u sebghin centezmu (€126,058.70), bl-imghaxijiet inkluzi ta' sitta u ghoxrin elf, erba' mija u tlieta u tmenin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€26,483.44) mahduma sas-26 t'April 2017 (ara Dok. 'C');*

*4. Illi l-ammont fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tieghu mill-kumpannija debitrici principali lill-kumpannija esponenti ai termini ta' klawsola 9(q) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u dan ghax kif tistipula din l-istess klawsola, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

*5. Illi in oltre u in relazzjoni mas-self fuq imsemmi, hemm dovuti spejjez Bankarji varji li jammontaw ghal hamsa u tmenin Euro u tlieta u sittin centezmu (€85.63), li sas-26 t'April 2017 kienu jinkludu mghaxijiet ta' wiehed u sittin centezmu (€0.61) (ara Dok. 'D'). Dan l-ammont jikkoncerna l-Current Account numru 31020 10 2 li l-kumpannija debitrici principali ghandha mal-kumpannija esponenti (ara Dok. 'E');*

*6. Illi dan l-ahhar ammont sar dovut ai termini ta' klawsola 5 tat-Terms and Conditions marbuta mal-Current Account (ara Dok. 'F') u klawsola 6 tal-Conditions of Use marbuta ma' l-istess Current Account (ara Dok. 'G');*

*7. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut hu ta' mija u sitta u ghoxrin elf, mija u erbgha u erbghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€126,144.33);*

*8. Illi l-ammont fuq imsemmi hu wkoll dovut lill-kumpannija esponenti mill-intimati l-ohra ossija Jimmy Vassallo, Cheryl Grace Vassallo, Kenneth Vassallo, Stephania Vassallo u Vassallo & Xuereb Ltd. stante li dawn dahlu bhala garanti in solidum mal-Kumpannija debitrici principali ghall-ammont kollu dovut, permezz ta' kuntratti f'dak ir-rigward (ara Dok. 'H', Dok. 'I' u Dok. 'J');*

*9. Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-intimati diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittri legali datati 1, 7 u 11 ta' Frar 2013 u 4 ta' Settembru 2013 (ara Dok. 'K', Dok. 'L', Dok. 'M' u Dok. 'N' rispettivament)u ittra ufficcjali numru 1468/2016 datata 2 ta' Mejju 2016 (ara Dok. 'O'), izda dawn baqghu inadempjenti;*

*10. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;*

*11. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpannija esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. tiddikjara li l-intimati saru solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €126,144.33; u*

*3. tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom, ihallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont komplessiv ta' €126,144.33,*

*Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mis-26 t'April 2017 sad-data tal-pagament effettiv u dan kollu ai termini tal-Credit Agreement fuq imsemmi u markat Dok. 'A' u kif ukoll tat-Terms and Conditions, il-Conditions of Use,*

*markati Dok. 'F' u Dok. 'G' rispettivament u t-Tariff of Charges (ara Dok. 'P') relattivi ghall-Current accounts."*

*L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

1. *bil-hdax punt hamsa fil-mija (11.5%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Business Loan Account numru 31020 71 4, skond kif stipulat fi klawsoli 5 u 9(q) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A', u*

2. *bil-ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Current Account numru 31020 10 2 (ara marker bl-ahdar fuq it-tariff of Charges markata Dok. 'P').*

*L-intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess intimati."*

Rat **in-nota ta' ammissjoni** tal-intimati li giet prezentata fl-4 ta' Settembru 2017 li permezz taghha esponew:

*"Li biha qed jammettu t-talbiet tar-rikorrenti"*

Rat il-verbal taghha tas-6 ta' Novembru fejn ta x-xhieda tieghu Luke Bonello bhala rapprezentant tal-Bank attur li kkonferma s-somma dovuta skont dik esposta fir-rikors guramentat.

Konsegwentement tilqa' t-talbiet kif dedotti u cioe':

1. **Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Tiddikjara li l-intimati saru solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €126,144.33; u**

3. **Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom, ihallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont komplessiv ta' €126,144.33;**

4. **Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mis-26 t'April 2017 sad-data tal-pagament effettiv, a karigu ta' l-intimati, bl-imghaxx ghandu jigi kkaluklat bil-hdax punt hamsa fil-mija (11.5%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Business Loan Account numru 31020 71 4, skond kif stipulat fi klawsoli 5 u 9(q) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A', u bil-ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Current Account numru 31020 10 2 (ara marker bl-ahdar fuq it-tariff of Charges markata Dok. 'P').**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Dep. Reg.**